# Il-Bolla Kruċjata

Ta' Ġużè Gatt

I

BILLI fl-artiklu tiegħi dwar l-"Istampa f'Malta", semmejt kemm-il darba l-Bolla Kruċjata, naħseb li l-qarrej daħal f'xewqa kbira li jkun jaf xi ħaġa fuqha. Għalhekk rajt li hu xieraq ħafna li nieqaf xi ftit mill-artiklu li kont ktibt, biex ingħid u nfisser sewwa din x'kienet. Terġa', dat-tagħrif li sa nagħti l-lum, jaħbat tajjeb ukoll, għax, fiż-żmien li aħna fih, inzertajna qegħdin fis-"Sena Mqaddsa", fejn minn dana l-"Ġublew" jintrebħu ħafna Indulġenzi, li biċċa minnhom jaqblu u jixbhu sewwa lil dawk li dari kienet tagħti l-Bolla Kruċjata.

Dan l-indult, taħt l-isem ta' Bolla Kruċjata, daħal għall-ewwel darba f'Malta, fl-1744.

Il-Gran Mastri kien ilhom bosta snin jitħabtu u jitolbu lil Ruma għalih. Fl-aħħar, il-Papa Benedittu XIV għoġbu jagħti din il-grazzja lil Gżiritna. U Pintu bagħat jiżżihħajr minn qalbu.

Malli l-Gran Mastru wasallu, mingħand il-Balliju De Tencin, l-Ambaxxatur ta' l-Ordni f'Ruma, it-tagħrif meħtieġ dwar il-Bolla Kruċjata, fil-31 ta' Jannar, 1744, laqqa' l-Kunsill u qrahuilhom. Imbagħad ħa ħsieb biex jitfittex jixxandar, u b'hekk jista' jservi għar-Randan li kien ġej.

Biex l-imsemmi Papa juri kemm tassew kellu għalfejn jilqa' x-xewqa ta' l-Ordni, meta ħareġ id-Degriet ta' l-Indult, inqeda bi kliem San Ġwann fl-Evanġelju, Kap. XV, fejn isemmi li Alla jgħid: "Ma tistax tingħata karità akbar minn dik ta' meta wieħed jagħti ħajtu għall-ġid ta' għajru." U din l-għamla ta' ħniena tinsab imwettqa bla hedu mill-qatt imfaħħar biżżejjed Ordni Ġerosolmitan. Għax dan, b'deħwa kbira, qed iżomm kemm xwieni u kemm suldati, bil-ħsieb u l-fehma li jħares dejjem, mhux biss il-Gżira ta' Malta, imma wkoll l-ibħra nsara, mill-ħbit u l-waqgħa tagħhom f'idejn it-Torok. B'hekk ħeles lil ħafna nies minn jasar aħrax u kiefer.

Għal din il-ħidma mill-Ordni, il-Papa ra li jistħoqq jagħti lill-insara ta' din il-Gżira u l-postijiet l-oħra kollha li jagħmlu magħha, biex jistgħu jistgħallu, minn dawk il-ħafna grazzji, li jissemmew f'din il-Bolla Kruċjata, fil-ħruġ tagħha ta' kull sena. Biss, wieħed ried joħroġ u jagħti xi ħaġa għaliha bħala elemosina, u jikseb waħda minnhom. B'hekk ikun iwieżen u jgħin lill-Ordni fin-nefqa li jeħtieġ għat-tħaddim ta' l-imsemmi xogħol

tiegħu.

Is-siwi ta' kemm għandhom ikunu dawn il-Bolol, kellu jiġi maqtugħ mill-Kummissarju Ġenerali tagħha. Biex jieħdu ħsieb din il-ħaġa jintgħażel dejjem dak li jinzerta jkun Pirjol tal-Knisja ta' San Ġwann.

Il-grazzji kienu mogħtija mhux biss lill-insara kollha li jgħammru f'dawn il-Gżejjer ta' Malta u Għawdex, imma wkoll lil dawk li jiġu fihom, jew jinzertaw hawn. Biss dawn iridu jkunu mqanqla bi ħrara qawwija għat-tixrid u t-tkabbir tal-Fidi Nisranija, billi minn flushom imorru jaqdu fuq ix-xwieni ta' l-Ordni, biex jeħduha u jitqabdu mat-Torok u ma' dawk li m'humiex insara, inkella bħala suldati magħhom, kull fejn jiġu mibgħutin, jew b'xi mod ieħor, jagħtu l-għajnuna tagħhom, fl-imsemmija ħidma, għal sena sħiħa.

Dawn jaqilgħu Indulġenza Plenarja ta' dnubiethom kollha, kemm-il darba jqerruhom b'indiema sewwa u mill-qalb. Ukoll meta dan ma jistax isir u jitwettaq bil-kliem, hu biżżejjed li jkollhom dik ix-xewqa kbira li jagħmluh.

Dil-grazzja hi xorta waħda bħalma kienet tingħata lil dawk il-Kruċjati, li dari jmorru jitqabdu, biex jeħilsu l-Artijiet Imqaddsa minn taħt idejn l-egħdewwa tas-Salib u bħal l-oħra li tingħata wkoll fis-sena tal-Ġublew.

Barra li semmejt, hemm ukoll oħrajn li jirbħu l-Indulġenza li għidt, bħalma huma dawn :

1) Dawk li, għalkemm jinkitbu fl-ispedizzjoni ma jilħqux jieħdu sehem fiha, billi jmutu qabel ma titlaq, jew huma u sejrin, inkella ħtija ta' mard jew xi ħaġ'oħra ta' bżonn kbir li tinqalgħalhom għal għarrieda, u għalhekk ikollhom iħallu minnha, fil-waqt li din ma tkunx għadha spiċċat għal kollox mit-ħejjija tagħha;

2) Dawk li għalkemm ma jmorrux huma, iżda bil-flus li jistgħu joħorġu jibagħtu lil ħaddieħor, sew jekk dawn ikunu ħafna, kemm ukoll jekk wieħed biss;

3) Kull min jixtri Bolla Kruċjata;

4) Dawk li bi flus ħaddieħor imorru bħala suldati;

5) Sew il-Kapitli tal-Knejjes, kemm il-Patrijiet u Sorijiet ta' l-Ordnijiet kollha, li kull għaxra minnhom joħorġu l-flus biex jibagħtu suldat, wara li dil-biċċa tkun inqatgħet f'Kapitlu li jsir minn qabel; u

6) Dawk il-qassisin u patrijiet li jmorru bla ħlas ma' l-ispe-

dizzjoni, iżda bl-ikel biss, u magħha jdumu għal sena, biex jagħtu l-għajnuna tagħhom fil-ħwejjeġ tar-ruħ u tal-ġisem li jinħtieġu s-suldati.

Terġa', fi żmien ta' kull interdett mill-Isqof, jew mill-Papa, l-insara ta' dawn il-Gżejjer setgħu jisimgħu l-Quddiesa fil-knejjes jew f'xi oratorju magħżul għalhekk. Iżda dan kellu jsir bil-bwieb magħluqa u bla daqq ta' qniepen. Biss ma setgħux jidħlu dawk li kienu Interdetti u Skumnikati.

Setgħu jitqarbnu wkoll, kemm-il darba jridu, fl-imsemmija knejjes, barra fil-ġranet tal-Għid, billi l-preċett kellu jsir biss fil-Parroċċi. Ukoll il-mejtin tagħhom, li ma kinux skumnikati, setgħu jidfnuhom b'funerali żgħar.

Dawk li jixtru Bolla Kruċjata, kull meta riedu, setgħu jinqdew u jieħdu l-bajd u lattiċini, sew fir-Randan u kemm fil-ġranet l-oħra ta' ma' tul is-sena li fihom ma jiswiex dan l-ikel. U dan barra minn meta hekk jitlob il-bżonn, inkella f'xi mard, billi fuq il-fehma tat-tabib jew konfessur tagħhom, setgħu jieklu wkoll il-laħam. Biss ma jridx ikun Ras ir-Randan, il-Ġimgħa l-Kbira, il-Vġejjel tal-Milied, ta' Għid il-Hamsin, ta' l-Appostli S. Pietru u San Pawl, ta' Tlugħ Sidtna Marija fis-Sema, tat-Twelid ta San Ġwann Battista u l-Kwattru Tempi kollha.

Ukoll dawk li fil-ġranet tar-Randan, jew fil-ġranet l-oħra ta' ma' tul is-sena, li f'Ruma jsiru l-Istazzjonijiet, iżuru hawn knisja jew artal għal ħames darbiet, u hemm jitolbu bil-qalb kollha għall-Ftehim u l-Għaqda bejn il-Ġnus Insara u għar-Rebħa fuq it-Torok, jaqilgħu Indulġenzi u maħfriet ta' dnubiet xorta waħda bħal dawk li jżuru l-Knejjes ta' Ruma u ta' ma' dwarha.

Iżjed. Tagħti lill-insara li jistgħu jaħtru Konfessur, li jkun mogħġub mill-Isqof ta' fejn joqogħdu, biex iqerru għandu. U dan ikun jista' jagħtihom il-maħfra, darba f'ħajjithom u oħra waqt mewthom, ta' kull dnub u ċensura li jaqgħu fihom. Ukoll jekk dawn ikunu riservati, kemm għall-Isqof, kemm għall-Papa. Iżda dil-ħatra ta' Konfessur, għad-dnubiet riservati, tiswa biss għan-nies ta' l-Ordni Ġerosolmitan, għal kull Kongregazzjoni, għaqdiet u Istituti, kemm Mendikanti, kemm le. Mill-bqija, ma jgħoddx għall-Patrijiet u Sorijiet ta' kull Ordni. Terġa', l-imsemmi Konfessur seta' jibdel il-wegħdiet ma' għemejjel oħra ta' ħniena. Imqar jekk dawn intgħamlu taħt ġurament. Biss, barra minn dawk li għandhom x'jaqsmu mal-Kastità, li jidħlu Reliġjużi, magħdud ukoll l-Ordni Ġerosolmitan, li jżuru l-Artijiet

Imqaddsa jew l-Oqbra ta' San Pietru u San Pawl f'Ruma.

Dawn l-Indulġenzi u grazzji kollha li semmejna, kien jaqlagħhom kull min jixtri Bolla Kruċjata, waqt li jżommha ma' tul is-sena li jkun hemm miġjub fiha. Terġa', barra milli fil-Bolla jinkiteb l-isem ta' min jeħodha, trid tkun ukoll bis-Siġill tal-Kummissarju Ġenerali tagħha. Inkella, jekk ma tkunx kif għidna, ma tiswa xejn.

Kull min kien irid, wara li jispiċċawlu xi grazzji ta' Bolla waħda, seta' jieħu oħra. Iżda mhux aktar minn tnejn f'sena. Terġa', l-indulġenzi li wieħed jaqla', seta' jgħaddihom ukoll għall-Erwieħ tal-Purgatorju.

Minn dan li għidna naraw kemm kienu kbar l-Indulġenzi u l-grazzji li dari kienet tagħti l-Bolla Kruċjata. B'danakollu min irid jikseb tagħrif u tifsir fuqha aktar fil-wisa', jista' jmur il-Bibljoteka, u jara ż-żewġ kotba li l-Patri Ġiżwita Malti Nazju Teuma ħareġ dwarha.

Għalhekk issa, wara li fissirt fil-qosor kemm stajt, x'kienu l-grazzji tagħha, ngħaddi biex nitħaddet fuqha fi żmien l-Ordni, u kif spiċċat għal kollox minn hawn, tista' tgħid, b'tilwima, fil-bidu tal-ħakma Ingliża f'Malta.

Bħalma tarraft fil-bidu ta' dan l-artiklu, għidt li l-Bolla Kruċjata daħlet f'Malta fl-1744. It-tħabrik li l-Ordni għamel, biex jirnexxilu jaqla' dan l-Indult minn Ruma, barra milli swielha ħafna xogħol u taħbit, daħħlu f'nefqa kbira wkoll. Ara kemm hu hekk, fl-1746, tħallsu 2237 skud u 6 rbajja' (*) lill-Abbati Arieti. Aġent ta' l-Ordni f'Ruma, billi dan kien ħareġ il-flus li nħtieġu, fix-xogħol li sar, lill-Balliju Tencin, Ambaxxatur tal-Gran Mastru għand il-Papa. Terġa', fl-1760, reġgħu tawh 1303 skud u 10 rbajja' oħra, bħala bqija li kien fadallu jieħu.

Lil dana l-Aġent, l-Ordni kien jagħtih xi qligħ, għal dawk il-flus li ta' kull darba joħroġ.

L-għoti tal-Bolla Kruċjata mill-Papa lill-Ordni, kien jiswa għal sitt snin biss. Fuq hekk, meta jispiċċa daż-żmien, trid terġa' tiġġedded mill-ġdid, inkella tispiċċa. Għal din il-ħidma, l-Ordni kien iħallas f'Ruma, madwar 350 skud oħra ta' kull darba.

Biex jitmexxa t-tixrid u l-bejgħ tagħha, inħoloq Dipartiment tal-Gvern għaliha, billi krew post, għamluh bħala ħanut, u tawh l-isem ta' Kanċellerija tal-Bolla Kruċjata. Ta' dan kienu jitħallsu

(*) Rbigħi fih 20 ħabba, u kull tnax-il rbigħi jagħmlu skud.

22 skud fis-sena lill-Pirjorat ta' Kastilja. Għalhekk naħsbu li l-ħanut kien aktarx in-naħa ta' dik il-Berġa ta' l-Ordni li ġġib l-isem li hawn fuq semmejna.

Maż-żmien bdew iħallsu 29 skud tal-kera, billi kellhom joħorġu wkoll il-flus li jmisshom għat-tiswija tat-triq li fiha tinsab il-Kanċellerija. Għax dari, għall-manutenzjoni tat-toroq, kienu jidħlu għaliha sid il-bini, jew il-kerrej. It-tiswija tagħhom kienet issir bil-ġebel tal-franka, u mhux biż-żonqor. Mur ara kemm tjun fix-xitwa u trabijiet fis-sajf! Mela, mhux ta' b'xejn igħidu li dari kien hawn ħafna mard tal-għajnejn.

Bħalma għidna, b'Kap fuq kulħadd fid-Dipartiment tal-Bolla Kruċjata, il-Gran Mastru kien dejjem jaħtar lill-Pirjol ta' San Ġwann, bl-isem ta' Kummissarju Ġenerali. Warajh jiġi t-Teżorier u Amministratur Ġenerali. Dan jingħażel minn fost il-Qassisin Konventwali ta' l-Ordni. Imsejħa hekk, għax jaqdu fil-Knisja ta' San Ġwann. Magħrufa wkoll bħala l-Qassisin ta' l-Assemblea.

L-ewwel wieħed li laħaq Teżorier tal-Bolla Kruċjata, kien Fra Duminku Vargas, Malti. Iżda dan ma damx wisq, għax miet fit-2 ta' April, ma' dwar xahrejn wara li ngħażel. F'loku sar Malti ieħor, Fra Bernard Arnaud, imlaqqam *ta' Sardina.* Maltin ukoll kienu dawk kollha li nħatru 'l quddiem.

✗ L-impjegati mal-Kanċellerija, flimkien mad-distributuri li kellhom jieħdu ħsieb it-tqassim tal-Bolla Kruċjata, intgħażlu mill-Pirjol ta' San Ġwann, fid-9 ta' Frar, 1744. Minn dawn kien hemm imxerrdin fl-ibliet u, tista' tgħid, fl-irħula kollha ta' Malta u Għawdex. Terġa', f'xi bnadi, l-iżjed fl-ibliet, aktar minn wieħed. Xi wħud qassisin. Oħrajn le. Tal-ħidma tagħhom jieħdu tnejn fil-mija mill-flus li jdaħħlu tal-Bolli li jmexxu.

Biex jieħu ħsieb ta' kollox f'Għawdex, jintgħażel qassis, bl-isem ta' Pro Kummissarju.

Ma' l-impjegati tal-Kanċellerija, insibu sa Sbirr ta' grad għoli, imsejjaħ Kaptan, li kellu 6 skudi fix-xahar. Biex dan juri s-setgħa tiegħu kien iġib f'idejh Virga.. Hekk ukoll kienu jġibu l-Kaptani ta' l-Isbirri tal-Qrati ta' dari. Iżda ta' l-ewwel kienet imdieħba u bl-arma tal-Bolla Kruċjata, waqt li ta' l-oħrajn le, u bl-arma tal-Gran Mastru.

Sa fergħa fil-Qorti kien hemm, taħt l-isem ta' "Officium Bullae SS.mae Cruciatae", biex taqta' t-tilwim li jinqala' dwar dak li jkollu x'jaqsam ma' din il-Bolla Kruċjata.

Biex jaqdu f'din il-Qorti kien hemm sa Sbirri wkoll għaliha.

Dawn issejħu "Cursori", xorta waħda bħal dawk ta' l-Inkwiżitur. Għax, tal-Qrati l-oħra tagħna, ma kinux jgħidulhom hekk. Bħallikieku, ta' l-Imdina : "Famoli"; tal-Belt : "Visconti"; ta' Għawdex : "Servienti". U ta' l-Isqof : "Alarji".

Il-Pirjol ta' San Ġwann ma sibna li kellu ebda ħlas għall-ħidma tiegħu fil-Bolla Kruċjata, waqt li t-Teżorier tawh 50 skud fis-sena. Iż-żewġ skrivani li kien hemm f'dan id-Dipartiment, kellhom 51 skud kull wieħed. L-ewlieni fost dawn it-tnejn, tawh l-isem ta' Kanċellier u l-ieħor Skrivan tal-Kontijiet.

Biex jieħdu ħsieb it-tqassim tal-Bolol lid-Distributuri kienu jqabbdu dejjem lit-Teżorier. Għalhekk, il-kontijiet isiru f'ismu. Dawk il-Bolli, li ma' tul is-sena jibqgħu bla ma jinbiegħu, jerġa' jagħtihom lura lill-Kummissarju Ġenerali.

Is-sena tal-Bolla kienet tibda l-Ħadd tas-Settwaġesima (it-tielet Ħadd ta' qabel ir-Randan). Fuq hekk, min jixtri minnhom xi ġranet jew xhur wara li toħroġ, tibqa' tiswielu għal dak iż-żmien biss li jkun għad fadal biex tagħlaq is-sena tagħha. Min jinzerta ma jkollux flus f'idejh, seta' jikseb waħda wkoll bid-dejn, bil-ftehim li jħallasha ftit ftit fix-xahar. Iżda, min ma jasalx, setgħu jfittxuh fil-Qorti li semmejna.

Meta jkun sa jasal iż-żmien biex il-Bolla toħroġ, tinbagħat ittra lill-Kappillani kollha biex iħabbruha fi prietka li jagħmlu, waqt li jfissru fiha l-grazzji u l-indulġenzi li din tagħti lil kull min jixtriha. Għall-ewwel, ta' kull prietka taw skud. Imbagħad bdew jagħtu tnejn. Xi wħud li ma ridux jitħallsu tal-prietki, jagħtuhom xi libbri ta' ċikkulata, flok il-flus.

Il-Bolla kienet tixxandar, fil-għodwa tal-Ħadd li semmejna, waqt funzjoni li ssir f'San Ġwann tal-Belt. Wara toħroġ proċessjoni. Jieħdu sehem fiha sal-Gran Mastru bil-Kunsill. U fin-naħa u l-oħra tat-toroq ta' minn fejn din tgħaddi, ikun hemm is-Suldati tal-Milizzja tal-Belt, biex isellmu waqt li tkun għaddejja minn nofshom.

F'xi snin, wara nofs in-nhar, laħqu għamlu prietka wkoll, dwar din il-Bolla, fl-imsemmija Knisja. Din issir minn dak il-kbir predikatur li jinħatar ta' kull sena, biex jiġi minn barra u jagħmel il-prietki ta' ma' tul ir-Randan kollu f'San Ġwann. Iżda, meta xi drabi dan ma jilħaqx jiġi fil-waqt, jintgħażel wieħed minn hawn, magħruf ħafna għall-għerf tiegħu, li aktarx jinzerta Malti, u jagħmilha hu. Tagħha dejjem ħallsu 10 skudi.

Billi l-ewwel darba li ħareġ l-Indult tal-Bolla Kruċjata għal

Għżiritna ddawwar ma wasal minn Ruma, u ma kellhomx żmien jibagħtuh barra biex jistampawh, kellhom joħorġuh miktub bl-idejn. Fuq hekk ġie jiswa ħafna aktar milli kieku stampawh. Biex hejjew il-Bolol kif għidna, nefqu 415-il skud u rbigħejn.

Fl-ewwel sena ma daħlux għajr 3708 skudi, 7 rbajja' u 7 ħabbiet mill-bejgħ tagħha. Iżda, bejn in-nefqa għall-Bolol u bejn ukoll biex xtraw xi ħwejjeġ ta' bżonn għat-twaqqif ta' l-imsemmi Dipartiment, kellhom joħorġu 1188 skud, 4 rbajja' u 10 ħabbiet. Għalhekk baqa' qligħ 2520 skud, irbigħejn u 18-il ħabba.

Mill-1745 bdew jistampaw il-Bolla Kruċjata ta' kull sena. Dax-xogħol kien isir f'Katanja għand l-istampatur Dun Anton Bisagn:. Tagħha jħallsu 3 skudi l-elf barra n-nefqa tal-karta u ta' xi ħwejjeġ żgħar oħra. Bħallikieku, biex bagħtu 4 kaxxi u nofs karta f'Katanja, u minn hemm ġiebu l-Bolli stampati f'erba' kaxxi oħra għal Malta, taw 10 skudi lil wieħed padrun ta' frejgata (bastiment żgħir ta' dak iż-żmien). Terġa', fil-ġarr ta' dawn u xi nfiq ieħor, ħallsu wkoll 5 skudi u 8 ħabbiet.

Il-Bolla Kruċjata kienet toħroġ b'folja karta waħda f'kobor ta' 16-il pulzier tul u bi 12 wisa'. Fiha wieħed isib miġjub dawk il-grazzji u indulġenzi kollha li tagħti, flimkien mal-ġranet li kienu jsiru l-Istazzjonijiet f'Ruma.

Billi l-Bolol mhux kollha kienu ta' siwi ndaqs, dwar dik li hi elemosina biex wieħed jiksibhom, sa nsemmu dawk biss li taw f'idejn it-Teżorier fl-1745, jiġifieri fl-ewwel sena li dehru stampati, u b'hekk il-qarrej jista' jkollu ħjiel sewwa dwarhom : 40 ta' 2 skudi l-waħda ; 80 ta' skud u nofs ; 500 ta' skud ; 250 ta' 10 rbajja' ; 200 ta' 8 rbajja' ; 200 ta' 6 rbajja' ; 22,319 ta' 4 rbajja', imsejħa de' Viventi ; 4,400 ta' 4 rbajja', de' Defonti ; u 1,560 ta' 4 rbajja', di Composizione.

Minn dan li tarraft, naraw li l-aktar li jistampaw huma dawk ta' l-4 rbajja', u lanqas ta' 2 skudi. B'danakollu, għalkemm wieħed jista' jieħu u jagħżel minn liema jrid, il-grazzji u l-indulġenzi kienu xorta waħda għal kulħadd.

Il-Gran Mastru kien iħallas 20 skud ta' dik li jieħu għalih, billi tiegħu jistampawhielu fuq il-ħarir, barra milli jagħmluhielu wkoll li tiddendel b'l-lazz u mdawra bil-frenża tad-deheb.

Bħalma rajna, il-qligħ fl-ewwel sena ma kienx wisq, billi din kienet għadha fil-bidu tagħha u għax ukoll iddawret ma dehret. Iżda, mat-tieni sena, żdied ħafna, li baqa' 5,488 skud, 6 rbajja' u 18-il ħabba. Terġa', aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, issoktat

toktor iżjed, kemm fit-tixrid tagħha, kemm ukoll fid-dħul minnha.

Minn dak li tfaddal fl-1744 u fl-1745, intefqu 5925 skud, biex marru għall-ħlas tan-nies ta' fuq ix-xwieni ta' l-Ordni. U dawn baqgħu jinżammu dejjem mill-flus li jibqa' qligħ mill-bejgħ tal-Bolla Kruċjata, sakemm l-Ordni dam isaltan f'Malta, bħalma hekk ukoll ried li jsir il-Papa Beneditt XIV, meta għoġbu joħroġ id-Digriet tiegħu dwar l-imsemmi Indult.

Dawk il-Bolol li jibqgħu bla ma jinbiegħu, ma jarmuhomx, imma biss ibiddlulhom is-sena li jkollhom, biex jagħmluhom jiswew għal xi oħra li tkun ġejja. Dan isir bil-kitba. Fl-1746, talli għamlu sena ġdida f'20,000 waħda, ħallsu 15-il skud lil tlieta min-nies. Imbagħad, meta jibqa' li jiqdiemu, li ma jistgħux jinqdew bihom iżjed, kienu jbigħuhom bħala karti tas-sarr.

Biex kemm jista' jingħata tagħrif, ħalli jitfisser kemm hu kbir is-siwi tal-Bolla Kruċjata, għal kull min igħin b'xi elemosina, billi jixtri waħda minnhom, fl-1750, f'Palermu stampaw fuqha ktieb bil-latin. Kitbu l-Patri Ġiżwita Malti Nazju Teuma. Minnu għamlu 400 wieħed. B'kollox sewa 136 skud, 9 rbajja' u ħabbtejn. Terġa', sentejn wara, fl-1752, Teuma qaleb dan il-ktieb bit-taljan, fil-qosor, u stampawh f'Katanja. Għalih intefqu 95 skud, irbiegħi u 14-il ħabba.

Ma għandniex xi ngħidu, in-nefqa taż-żewġ kotba tħallset mid-Dipartiment tal-Bolla Kruċjata. Mhux biss. Imma għax-xogħol li għamel Patri Teuma l-Gran Mastru ordna li jagħtuh 50 wieħed minnhom b'xejn, li swew 22 skud u 6 rbajja'.

Il-Bolla baqgħu jistampawha dejjem f'Katanja, għand Bisagni. Iżda dan issokta jsir sa l-1753. Għax, għas-sena ta' wara ma laħqu stampawha mkien, la f'Katanja u lanqas f'band'oħra, billi nqala' ħafna taħwid bejn ir-Re ta' Napli u l-Gran Mastru, fuq li ta' l-ewwel ried jibgħat Viżitatur tiegħu hawn, u l-Ordni ma riedx joqgħod għal dan. Minħabba din it-tilwima, ir-Re ta' Sqallija qata' l-kummerċ kollu ma' Gżiritna, waqt li qabad u żamm il-bastimenti Maltin li nzertaw fil-portijiet tiegħu. Fuq hekk, l-Ordni kellu 19,000 Bolla qodma, sewwielhom is-sena tagħhom u għamilhom li jistgħu jservu għall-1754.

Għas-sena 1755 stampaw 22,055 waħda f'Ruma. B'kollox qamu 287 skud, 8 rbajja' u ħabbtejn. U biex reġgħu sewwew 5,000 qodma u għamlu s-sena fi 15,000 Bolla ta' Ruma, nefqu 8 skudi. Terġa' ftit wara li spiċċat it-tilwima ta' bejn l-Ordni u

Sqallija, stampaw 22,000 oħra f'Palermu, biex iservu għall-1756, li swew 174 skud, 4 rbajja' u 9 ħabbiet.

Barra dawn li semmejna, għamlu wkoll 11,000 Bolla f'Malta. Għalihom intefqu 52 skud u 6 rbajja'.

Meta daħlet l-Istampa f'Malta, bdew isiru dejjem hawn, fl-Istamperija ta' l-Ordni.

L-ewwel darba li ħarġuha minn Malta, kien fl-1756. Minnha għamlu 718-il waħda biss. Iżda minn kif nistgħu naqbdu, saru dawn il-ftit, billi aktarx li spiċċaw xi Bolol li stampaw barra minn Malta. Għidna li ħsibna hekk, għax, la wara dak il-għadd żgħir ta' Bolli li semmejna, lanqas fl-1757 ma nsibu, fil-kotba ta' l-Istamperija ta' l-Ordni, li għamlu xi oħrajn ġodda, fil-ħin li mill-1756 sa l-1759, mexxew dejjem xi ftit 'il fuq minn 14,000 sa taħt is-16,000 ta' kull sena. U dan seta' jsir, kif jidher mill-kotba tal-Bolla Kruċjata, billi qabbdu u ħallsu xi nies biex sewwew il-qodma u għamluhom igħoddu għaż-żmien li kien ġej. Biss, minħabba li dawk li fadal ma kinux biżżejjed weħidhom għall-bżonn tal-Gżira, kellhom iżidu magħhom 7,000 fl-1758 u 3,700 oħra fl-1759 li stampawhom ġodda.

Wara li ħelsu mill-qodma li fadlilhom, reġgħu bdew jistampaw ta' kull sena.